# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 817/2017 MH**

**Illum, 28 ta' Jannar, 2022**

**Mallard Co. Ltd (C4758)**

**vs**

**Edrichton Holidays Limited (C3111)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tas-7 ta' Settembru 2017** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu Edward Vella (K.I. 730056M) bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mallard Co Ltd (C4758) jikkonferma u jiddikjara li jaf b'dawn il-fatti personalment:*

1. *Illi s-socjeta` rikorrenti topera l-lukanda 'Qawra Palace Hotel', wahda mil-lukandi ewlenin f'pajjizna, filwaqt li s-socjeta` intimata Edrichton Holidays Limited (C3111), fost affarijet ohra, tordna u tixtri f'isimha minghand is-socjeta` rikorrenti l-akkommodazzjoni fl-istess lukanda ghal turisti li jzuru pajjizna u dan bis-sahha ta' ftehim imsejjah "Agreement for*

*the marketing and use of tourist accommodation" li l-istess socjeta` rikorrenti kienet ffirmat mas-socjeta` intimata;*

2. *Illi s-socjeta` rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta' mija tlieta u disghin elf mitejn u dsatax-il Ewro u sittax-il centezmu (€193,219.16) rapprezentanti bilanc li huwa cert, likwidu u dovut stante illi qabez is-sittin (60) gurnata ta' kreditu ai termini tal-ftehim fuq imsemmi (prospett anness u mmarkat '**DOK A**');*

3. *Illi nonostante illi s-socjeta` intimata giet diversi drabi interpellata sabiex thallas l-ammont dovut minnha lis-socjeta` rikorrenti inkluz permezz tal-ittra ufficjali numru 3070/2017 ipprezentata fil-25 ta' Awissu 2017 ('**DOK B**'), din baqghet inadempjenti.*

*Ghaldaqstant, premess is-suespost, is-socjeta` rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' mija tlieta u disghin elf mitejn u dsatax-il Ewro u sittax-il centezmu (€193,219.16) rapprezentanti bilanc li huwa cert, likwidu u dovut stante illi qabzu s-sittin (60) gurnata ta' kreditu ai termini tal-ftehim imsejjah "Agreement for the marketing and use of tourist accommodation" li l-istess socjeta' rikorrenti kienet ffirmat mas-socjeta` intimata;*

2. *Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' mija tlieta u disghin elf mitejn u dsatax-il Ewro u sittax-il centezmu (€193,219.16) rapprezentanti bilanc li huwa cert, likwidu u dovut stante illi qabzu s-sittin (60) gurnata ta' kreditu ai termini tal-ftehim imsejjah "Agreement for the marketing and use of tourist accommodation" li l-istess socjeta' rikorrenti kienet ffirmat mas-socjeta` intimata;*

3. *Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont lis-socjeta` rikorrenti bl-imghax legali dekorribbli mill-gurnata li ssegwi s-sittin (60) gurnata ta' kreditu ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.*

*Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 3070/2017 fuq imsemmija u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentant kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf.*

*Is-socjeta` intimata hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta tat-13 ta' Novembru 2017 permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*Jesponi bir-rispett, u Louis Tabone (detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 576847M) in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' konvenuta kif debitament awtorizzata, bil-Malti u bil-gurament tikkonferma:*

1. *Illi somma mitluba mis-socjeta' rikorrenti mhiex dovuta stante illi principalement din tikkonsisti f'bookings ta' Tour Operator barrani 'Lowcostbeds.com Limited' li falla u, li ghalihom l-intimata mhix responsabbli ghal hlas.*

2. *Illi ukoll fil-mertu kwalukwe ammont bilancjali mhuwiex dovut stante li ma jaqbilx mar-rendikont tas-servizzi uzati mill-intimata kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif destritt ahjar fid-dikjarazzjoni ta' fatti;*

3. *Illi s-socjeta' konvenuta dejjem opponiet ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti permezz ta' ittri ufficjali responsiva kif debitament notifikati (kopji tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru 2017 u riferti appositi hawn annessi bhala 'Dok E1');*

*B'riserva ghal kwalunkwe eccezzjoni ohra jew risposti guramentati ohra kontra s-socjeta` rikorrenti skont il-Ligi jekk ikun permissibbli.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetajiet rikorrenti kollha.*

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artiklu 158(3)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

1. *Illi s-socjeta` eccipjenti topera fil-qasam tat-turizmu u ilha hekk topera ghal dawn l-ahhar erbghin (40) sena;*

2. *Illi r-relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta` rikorrenti kienet tkopri tliet perjodi/staguni: xitwa 2015/16 (1 Novembru 2015 sa 30 April 2016 – vide dok. E2); sajf 2016 (1 Mejju 2016 sa 31 Ottubru 16 – vide Dok E3); xitwa 2016 (1 Novembru 2016 sa 30 April 2017 – vide Dok E4). Il-kuntratti kienu bbazati fuq 'Agreement for the Marketing and Use of Tourist Accommodation'.*

3. *Illi jinghad ukoll li kien hemm 'Bookings Confirmation Vouchers' ghal kull booking separat fejn kien hemm termini u kundizzjonijiet specifici accettati miz-zewg partijiet (ezempji ta' dawn gew annessi bhala 'Dok E5);*

4. *Illi gara illi Tour Operator barrani, 'Lowcostbeds.com Limited', ghal xi raguni jew ohra, falla fil-15 ta' Lulju 2016 u ma baqghax topera (ara 'Dok E6' hawn anness). F'kull Booking Voucher separat, li s-socjeta' eccipjenti kienet tibghat lis-socjeta` rikorrenti fejn kien jigi accettat mill-istess socjeta` rikorrenti, kien hemm stipulat illi s-socjeta' eccipjenti ma kienitx qed tassumi responsabilita' ghall-pagament tal-istess bookings stante li kellu jkun it-Tour Operator barrani (f'dan il-kaz il-Lowcostbeds.com Ltd) u/jew mill-persuni li lilhom nghata s-servizz li kellhom jhallsu. Fil-fatt kif ser jigi pruvat waqt il-mori ta' dawn il-proceduri is-socjeta` rikorrenti kellha kuntratt/relazzjoni diretta mal-istess Lowcostbeds.com Limited;*

5. *Illi inoltre, ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap 12, minn issa qed jiġi dikjarat illi fid-dawl tas-suespost, il-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma kontestati u jeħtieġ ghalhekk illi jiġu ippruvati fl-intier taghhom.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna s-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' €193,219.16 bilanċ allegatament dovut ai termini ta' ftehim iffirmat bejniethom intitolat "*Agreement for the marketing and use of tourist accomodation*" kif ukoll qed titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas dan l-ammont flimkien mal-imgħax ta' 8% fis-sena.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta qegħda tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Carmel Pullicino,** Chief Executive Officer tas-soċjeta' attriċi xehed[1] li l-operat tagħha, u sabiex tassigura attendenza regolari u kostanti ta' turisti fil-lukanda operata minnha "Qawra Palace Hotel", is-soċjeta' attriċi tidħol f'diversi kuntratti ma' Tour Operators li xogħlhom hu li jordnaw u jixtru mingħand l-istess soċjeta' attriċi akkomodazzjoni fil-lukanda msemmija għal turisti li jkunu ser iżuru Malta. Waħda minn dawn it-tour operators hija s-soċjeta' konvenuta li magħha s-soċjeta' attriċi kienet ilha taħdem snin.

[1] Affidavit a fol 48 et seq

**Louis Tabone,** direttur tas-soċjeta' konvenuta kompla jispjega l-operat tan-negozju bejn il-partijiet[2] -

*"...li nagħmlu qabel l-istaġun immorru għand il-lukandier u naraw x'rati irid jiċċarġja s-sena ta' wara. Niftehmu, u nagħmlu kuntratt....u mbagħad susegwentement navviċinaw l-operaturi stranjieri u naraw jekk iridux jaħdmu ma' dik il-lukanda....Meta jiġu l-bookings il-bookings jiġu għandna. Aħna ngħadduhom lil lukandier, nibgħatulhom voucher bl-email u nistennew li nirċievu l-konferma mingħand il-lukandier li aċċettaw dan il-voucher kif ikun ipprintjat."*

L-operat bejn il-partijiet kien regolat minn *Agreement for the Marketing and Use of Tourist Accomodation* li a bażi tiegħu il-partijiet daħlu f'relazzjoni kuntrattawali għas-segwenti staġuni –

- Xitwa 2014-2015 (1 ta' Novembru 2014 sat-30 t'April 2015)[3]
- Sajf 2015 (1 ta' Mejju 2015 sal-31 t'Ottubru 2015)[4]
- Xitwa 2015-2016 (1 ta' Novembru 2015 sat-30 t'April 2016)[5]
- Sajf 2016 (1 ta' Mejju 2016 sal-31 t'Ottubru 2016)[6]
- Xitwa 2016-2017 (1 ta' Novembru 2016 sat-30 t'April 2017[7])

Fit-22 ta' Settembru 2015 il-partijiet kienu ffirmaw ukoll kuntratt ieħor f'forma ta' *Special Offer*[8], liema ftehim kien applikabbli għal dawk il-*bookings* li

[2] Fol 89A
[3] Fol 64 et seq
[4] Fol 66 et seq
[5] Fol 33 et seq
[6] Fol 35 et seq
[7] Fol 37 et seq
[8] Fol 68

jiddaħħlu sal-31 t'Ottubru 2015 u li kienu jirrigwardaw akkomodazzjoni fil-ġranet tal-perjodu 1 ta' Novembru 2015 sat-30 t'April 2016[9].

Il-Qorti fliet il-kuntratti surreferiti ffirmati bejn il-partijiet u minnhom jirriżultalha li –

i. Il-kuntratti saru esklussivament bejn Qawra Palace Hotel bħala "Owner/Manager" u Edrichton Holidays Ltd bħala "Tour Operator" u kienu normalment jiġu ffirmati minn Tony Alamango għan-nom tas-soċjeta' attriċi u Louis Tabone għan-nom tas-soċjeta' konvenuta;

ii. Fost il-'Conditions of Agreement' li kienu parti ntegrali mill-kuntratti ffirmati bejn il-partijiet hemm –

- **Klawsola 4** – ***"The Tour Operator will pay the Owner/Manager for the arrangements in accordance with the terms set out herein."***

- **Klawsola 17** – ***"Invoices raised by the Owner/Manager will be settled by the Tour Operator within 60 days of presentation."***

- **Klawsola 20** – ***"Where and when in a subsequent communication, a Special Offer (reduction in prices and/or release period) is made by the Owner/manager to the Tour Operator all the conditions in this agreement and all other details still stand."***

[9] Affidavit Carmel Pullicino a fol 48A

- **<u>Klawsola 22</u>** – ***"This contract (and addendum if applicable) constitutes the entire agreement between the Owner/Manager and the Tour Operator. There are no separate written or oral agreements."***

**Denis Ellul,** in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta kkonfermat li dawn il-kuntratti *standard* kienu jiġu ppreparati mis-soċjeta' konvenuta stess[10].

Huwa prinċipju kristalizzat fil-liġi u l-ġurisprudenza li dak li l-partijiet jiftiehmu bi qbil għandu l-effett ta' liġi bejniethom. *Pacta sunt servanda*. Għaldaqstant il-kondizzjonijiet kollha maqbula bejn il-partijiet fil-kuntratti surreferiti inkluż dawk li dwarhom saret enfasi fis-suespost ħolqu obbligi legali bejniethom li ma jistgħux jiġu varjati jew mibdula unilateralment.

Ingħad hekk fil-każ **David Borg vs W.V.S. (Marketing) Ltd deċiż fl-1 ta' Diċembru 2004** –

*"Jingħad a propożitu fl-Artikolu 992, Kodiċi Ċivili illi "l-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom". Din l-espressjoni għandha karattru enfatiku fis-sens illi patt miftiehem fi skrittura ma jistax jiġi varjat b' volonta` unilaterali ta' parti waħda mill-kontraenti......"*

Fil-każ **Francis Carbone vs Bart Attard et noe et deċiż fit-30 ta' Ġunju 2004** il-Qorti qalet hekk –

*"Egwal saħħa rafforzata tingħata lil din il-konsiderazzjoni mill-preċetti tal-liġi a norma ta' l-Artikoli 992 (1) u 993 tal-Kodici Civili. Dan fis-sens illi l-kuntratt*

[10] Xhieda tal-5 ta' Frar 2021 a fol 193

*hu liġi għal dawk li jkunu għamluh u allura dan għandu jiġi eżegwit bil-bona fidi. Taħt l-ewwel espressjoni, in linea ta' prinċipju s-sinjifikat tal-kunċett hu dak tan-non-modifikabilita` ta' l-obbligazzjoni ta' l-adempiment permezz tal-volonta` unilaterali. Fil-każ tat-tieni, konsiderata f'sens oġġettiv, din għandha titqies bħala regola ta' mġieba li trid tiġi osservata mill-kontraenti. Dan mhux biss fil-fażi in contrahendo fil-kors tan-negozjati iżda wkoll, u fuq kollox, fil-konklużjoni, u eżekuzzjoni, tal-ftehim kontrattat. Sinifikattivi ħafna huma d-dmirijiet ta' l-informazzjoni u tal-kjarezza u d-dover tal-kompiment ta' l-atti kollha neċessarji għall-effikaċja tal-kuntratt u ri-entranti fir-regola tal-lealta` u tal-korrettezza;"*

Fil-każ **Patrick Staines vs L-Avukat Godfrey Gauci Maistre noe deċiż fit-18 ta' Jannar 2006** il-Qorti qalet li -

*"Hi disposizzjoni ferm għaqlija dik dettata fl-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li trid li l-kuntratti ta' ftehim jiġu esegwiti bil-bona fidi. Din timporta li kull parti, b' impenn, tesegwixxi dawk ir-regoli ta' kondotta idonei biex jippreżervaw l-interessi tal-parti l-oħra."*

Ukoll, fil-każ **Michael Gatt et vs Joseph Portelli deċiż fid-9 ta' Lulju 2008** il-Qorti qalet li –

*"Indubitament, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-bwona fede, oġġettivament konsiderata, tenukleja l-kriterju ta' valutazzjoni ta' mġieba determinata u, aktar minn hekk, isservi ta' strument ta' kontroll tar-raġonevolezza, o meno, tal-pretensjoni. F'sens wiesgħa, kif anke dimostrat minn ċerti disposizzjonijiet fil-Kodiċi Ċivili tagħna (ara, ad eżempju, Artikolu 993), ir-rilevanza tagħha hi dik tas-solidarjeta` soċjali li timponi fuq kull parti f'rapport kontrattwali d-dmir li jaġixxi b'mod li jippreserva l-interessi tal-kontraenti l-ieħor. Dan it-test hu*

*partikolarment bażiku u fundamentali f'kontroversji tax-xorta hawn ikkontemplata;*

*A propożitu din il-Qorti, kif presjeduta, kellha okkażjoni tallarga l-kunċett preżenti kif muri f'din is-silta:-*

*"Il-'bwona fede' ma għandhiex biss valur merament teoriku. Din, anzi, għandha, f'sens oġġettiv, tkun intiża bħala regola komportamentali ta' raġonevolezza u, fuq kollox, ta' lealta u ta' korrettezza. B'mod ġenerali tikkostitwixxi prinċipju etiku-ġuridiku fl-eżerċizzju tad-drittijiet. Hekk kif eżemplarment espress fl-Artikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili Svizzeru, "kull wieħed fl-eżerċizzju tad-drittijiet proprji u fl-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet tiegħu għandu jġib ruħu bil-bwona fede". Espress f'dawn it-termini l-prinċipju tal-bwona fede jimponi limitu fl-eżerċizzju tad-drittijiet. Dan kemm għaliex għall-pretendent tad-dritt f'rapport ma' ħaddieħor il-bwona fede tirrapreżenta l-metru ta' mġieba, kif ukoll hi kejl siewi ta' valutazzjoni mill-ġudikant." ("Carmelo Bonello et -vs- Concetta Farrugia", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 28 ta' Frar, 2007);"*

Lill-Qorti jirriżultalha mill-atti li l-partijiet ħaddmu din ir-relazzjoni kuntrattwali bejniethom għal snin sħaħ mingħajr problemi.

**Carmel Pullicino**, għan-nom tas-soċjeta' attriċi xehed li [11] -

1. *"Sa Ottubru tal-2014 qatt ma kien hemm l-ebda problema bejn iż-żewġ kumpanniji – l-Edrichton dejjem kienet toħroġ Confirmation Voucher fuq il-Qawra Palace Hotel u kienet tibgħatielna email, u wara li jiġu l-klijenti l-lukanda, is-soċjeta' attriċi kienet toħroġ il-fattura relattiva lis-soċjeta'*

[11] Fol 48

> *konvenuta. L-Edrichton dejjem kienet tħallas hi u dan dejjem għamlitu mingħajr riservi. Meta jiġi l-klijent il-lukanda ġieli kien iġib miegħu l-Accomodation Voucher illi kienet toħroġ minn kumpanija terza – il-Lowcostbeds.com.Ltd – għal liema Accomodation Vouchers il-Mallard kienet toħroġ fatturi lill-Edrichton u l-Edrichton kienet dejjem tħallashom hi (ara* ***'DOK CP1'*** *li juri eżempju ta' dan fejn it-total ġie dejjem imħallas mill-Edrichton bla riservi). Hawnhekk ta' min jirrimarka illi mhux il-klijenti kollha kienu jġibu l-Accomodation Voucher magħhom hekk kif il-maġġoranza tagħhom kienu in fatti jiġu mingħajrha u jgħidulna d-dettalji personali tagħhom: aħna konna nfittxuhom fuq is-sistema tagħna skond kif inkunu daħħalnihom wara li nkunu rċevajna l-Confirmation Voucher imsemmija aktar 'il fuq mingħand l-Edrichton, u konsegwentement noħorġu l-fattura lill-Edrichton.*

Il-problemi jidhru li bdew fis-sena 2014 meta s-soċjeta' konvenuta bdiet tirrifjuta li tħallas pagamenti mitluba mill-istess soċjeta' attriċi, tant li akkumulat is-somma totali ta' €193,219.16 dovuta lill-istess soċjeta' attriċi, liema somma tifforma l-mertu tal-proċeduri odjerni. Prospett dettaljat tal-ammont pretiż u d-dati li jkopru tali somma jinsabu annessi a fol 4 et seq.

Id-difiża tas-soċjeta' konvenuta għall-pretensjoni ta' ħlas tas-soċjeta' attriċi hija bażata fuq żewġ binarji kif espressi fl-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tar-risposta ġuramentata.

**Fl-ewwel eċċezzjoni** tagħha s-soċjeta' konvenuta ssostni li s-somma mitluba mis-soċjeta' attriċi mhijiex dovuta stante li din prinċipalment tikkonsisti f'*bookings* ta' Tour Operator barrani 'Lowcostbeds.com Limited' li falla u li għalihom is-soċjeta' konvenuta tinsisti li mhijiex responsabbli għall-ħlas.

Skont is-soċjeta' konvenuta, mill-ammont mitlub fil-kawża mis-soċjeta' attriċi, €191,029.71 huma marbuta ma' bookings ta' Lowcostbeds.com Limited.

Mhuwhiex kontestat li Lowcostbeds.com Limited kienet falliet fis-sajf tal-2016.

Id-direttur tas-soċjeta' konvenuta Louis Tabone spjega l-pożizzjoni tal-istess soċjeta'[12]. Huwa qal li l-kumpanija Lowcostbeds.com Limited - li tagħha kienu aġenti u li bis-saħħa tagħha kemm il-darba nġiebu turisti fil-lukanda operata mis-soċjeta' attriċi - bdiet sejra lura finanzjarjament, u qabel il-Milied tal-2015 waqqfet il-ħlasijiet. Għalkemm is-soċjeta' konvenuta irsistiet sabiex it-tour operator esteru jħallas dak li hu dovut, u anke s-soċjeta' attriċi ppruvat tintervjeni, dan il-ħlas baqa' ma wasalx. Meta s-soċjeta' attriċi kienet tiġri wara s-soċjeta' konvenuta għall-ħlas ir-risposta kienet tkun li s-soċjeta' konvenuta għadha ma tħallsitx u li malli tirċievi l-ħlas iħallsu lis-soċjeta'attriċi.

Filwaqt li s-soċjeta' konvenuta tirrikonoxxi li hemm il-kuntratti ffirmati bejn il-partijiet dwar l-obbligu tal-ħlas u minn min għandu jsir, Louis Tabone żied jgħid li *"ma jfissirx li l-affarijiet ma jinbidlux*[13]*"* u dan b'referenza għat-termini u kundizzjonijiet tal-ħlas skont kif iffirmati fil-kuntratti surreferiti. Huwa jirreferi għall-kundizzjonijiet fil-parti t'isfel tal-*Confirmation Vouchers* maħruġa mis-soċjeta' konvenuta għall-*bookings* tat-turisti mas-soċjeta' attriċi. Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tgħid hekk –

*"By accepting this booking and/or the clients mentioned above the Hotelier, the Property Owner and/or their representative/s are confirming that responsibility for settlement of any or all dues for the above accomodation and/or service rests*

[12] Fol 89 et seq
[13] Xhieda ta' Louis Tabone a fol 91

*solely with the foreign Tour Operator and not with Edrichton Holidays Ltd. Details available from Edrichton Holidays Ltd*[14]*."*

Skont is-soċjeta' konvenuta, ladarba s-soċjeta' attriċi tkun aċċettat il-*booking* relattiv f'dawk il-*Confirmation Vouchers* allura tkun qegħda taċċetta wkoll din il-kundizzjoni u ċioe' li r-responsabilta' għall-ħlas ta' tali booking hija fuq it-tour operator barrani u mhux fuq is-soċjeta' konvenuta.

Il-Qorti tqis li din il-linja difensjonali tas-soċjeta' konvenuta hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fl-ewwel lok, dawn il-*Confirmation Vouchers* fattwalment jintbagħtu b'email lis-soċjeta' attriċi minn rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta mill-indirizz elettroniku tal-istess soċjeta' konvenuta u huma ntitolati "Edrichton Holidays Malta Booking Vouchers"[15]. Mela f'kull stadju hija s-soċjeta' konvenuta li qegħda tikkomunika direttament mas-soċjeta' attriċi, kif wara kollox huwa stipulat fil-kuntratti relattivi ffirmati bejniethom.

Imbagħad, il-kontenut innifsu tal-*Confirmation Vouchers* ma juri xejn ħlief il-*booking* tat-turist/i partikolari bid-dettalji kollha relattivi għall-akkomodazzjoni rikjesta fil-lukanda ċioe' d-data tal-wasla u tat-tluq, it-tip ta' kamra li jkun sar il-ħlas għaliha eċċ. Il-*letterhead* u l-informazzjoni kollha bid-dettalji ta' kuntatt huma kollha tas-soċjeta' konvenuta. Inoltre, dawn l-istess *Confirmation Vouchers* jagħmlu biss referenza vaga għal "*foreign tour operator*" mingħajr ma jsemmu ismijiet u addirittura jindikaw li jekk il-lukandier irid aktar dettalji jrid jikkomunika mas-soċjeta' konvenuta dwar dan.

[14] Confirmation Voucher a fol 61
[15] Eżempji ta' dawn l-emails a fol 125 et seq

Hija l-fehma ferma tal-Qorti li din il-"kundizzjoni" ndikata fil-*Confirmation Vouchers* hija kompletament inkompatibli mat-termini u l-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet kif indikati fil-kuntratti ffirmati surreferiti. F'dawk il-kuntratti hemm qbil ċar bejn il-partijiet li hija s-soċjeta' konvenuta li trid tħallas lis-soċjeta' attriċi; barra minn hekk il-kundizzjonijiet jistipulaw it-terminu ta' żmien li fih irid isir il-ħlas mill-istess soċjeta' konvenuta. Il-kundizzjonijiet jagħmluha ċara wkoll li l-partijiet għandhom jibqgħu marbutin b'dawk il-kundizzjonijiet u b'ebda ftehiem ieħor sew jekk miktub jew bil-fomm. Kundizzjonijiet inekwivoċi dawn li ma jħallu ebda lok ta' dubju. U kwindi ai termini tal-artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni."*

Legalment is-soċjeta' konvenuta ma tistax unilateralment u arbitrarjament tbiddel it-termini tal-ftehim milħuq u ffirmat bejn il-partijiet fil-kuntratti surreferiti u addirittura tippretendi li torbot lis-soċjeta' attriċi b'"kundizzjonijiet ġodda" permezz ta' sempliċi *Confirmation Voucher* mingħajr ma tinfurmaha u mingħajr il-kunsens espliċitu tal-istess soċjeta' attriċi għal dan it-tibdil.

Il-Qorti fiċ-ċirkustanzi ma tlumx lil **Carmel Pullicino**, għan-nom tas-soċjeta' attriċi meta jixhed li[16] -

*"Aħna l-kuntratt tagħna huwa ċar u hemm kundizzjonijiet speċifiċi li jgħidu li dan huwa l-unika kuntratt li jirregola l-pożizzjoni, u dan ma ġibed l-attenzjoni ta' ħadd. Issa l-iskrivani li jarawha ma tawx każ ta' fine print. Mhux eżatt hux, aħna konna nimxu fuq il-kuntratt. Issa meta iddaħħlet klawżola in fine print fil-vawċers l-iskrivana li kienet tiħħendilja dawn il-vouchers ma kinitx parti minn*

[16] Fol 206

*negozjati tal-kuntratt li jsir darba kull sitt xhur allura ma ġibditx l-attenzjoni tagħna*[17]*.”*

Il-Qorti żżid ukoll li –

1. Is-soċjeta’ konvenuta tissottometti li n-natura ta’ kull kuntratt bejn il-partijiet fil-kawża mhuwhiex *sales agreement* imma kuntratt *sui generis* bħala ftehim ta’ rappreżentanza. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni u tirreferi għall-prinċipji elenkati fil-każ **San Lawrenz Operators Limited Vs S. Mifsud & Sons Limited deċiż fil-25 ta’ Mejju 2021** li kien jitratta soċjeta’ li kienet taqdi rwol simili bħal dak tas-soċjeta’ konvenuta –

*“Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-kawża ‘***Vivaldi Hotels Operations Limited vs Intramed Limited’***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Marzu 2007, fejn ‘ċirkostanzi simili ħafna għal dawk odjerni, kellha dan xi tgħid:*

*Mill-provi prodotti jidher li fit-trattativi li s-soċjeta’ konvenuta kellha mas-soċjeta’ attriċi l-istess soċjeta’ konvenuta, għall-anqas fil-maġġor parti tat-trattativi ma indikatx li hija kienet qed taġixxi għan-nom u in rappreżentanza ta’ persuna oħra, anzi l-ordnijiet kienu jsiru f’isimha u l-invoices kienu jinħarġu f’isimha mingħajr ebda protesta da parti tagħha. Anzi meta fil-“vouchers” li kienu jiġu preżentati lis-soċjeta’ attriċi kien jissemma’ xi “tour operator” dan l-istess dokument kien jispeċifika “Booked and paid by IntraMed Travel Bureau Malta”. Jidher għalhekk li s-soċjeta’ konvenuta, anke jekk seta’ kellha arranġamenti ta’ “handling agent” mat-tour operators esteri, fatt li ma ġiex pruvat b’mod konklussiv, xorta waħda l-istess soċjeta’ konvenuta għandha*

[17] Fol 207

*tirrispondi għat-talba attriċi billi qatt ma indikat lill-istess soċjeta' attriċi li hija kienet qed tidher għan-nom ta' ħaddieħor u mhux f'isimha b'mod li svijjat lill-istess soċjeta' attriċi."*

Imbagħad fil-każ **Galaxy Holiday Resorts Limited vs Intramed Limited deċiż fis-26 ta' Settembru 2013** ingħad hekk -

*"Il-Qorti hawnhekk qed tagħmel riferenza għall-54(1) Kodiċi Kummerċjali. Meta persuna jkun qed jaġixxi in veste ta' aġent għandu l-obbligu li " jagħti lit-terzi kull informazzjoni dwar sa fejn jaslu s-setgħat mogħtija lilu mill-prinċipal, u, jekk it-terzi hekk ikunu jridu, għandu wkoll jagħtihom dikjarazzjoni iffirmata minnu kif imiss sabiex juri li dik l-operazzjoni li jkun jagħmel tidħol fis-setgħat tiegħu fuq imsemmija."*

*Illi mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-konvenuti qatt infurmaw lill-atturi li t-talba għall-alloġġ kienet qed issir għal xi ħadd ieħor jew li huma kienu qed jidhru biss bħala aġenti jew bħala rappreżentanti ta' xi persuna oħra, kif huwa l-obbligu ta' kull aġent skont id-disposizzjoni ta' l-artikolu imsemmi. Anzi jirriżulta li kien jinbagħtu diversi invoices....u ma tressqet ebda prova li s-soċjeta` konvenuta ilmentat jew opponiet għal dawn l-invoices minħabba li ma kellhiex tħallas hi. Fin-nuqqas ta' dina l-informazzjoni, isegwi li l-atturi kienu ġustifikati li jaħsbu li l-konvenuti kienu qed jaġixxu f'isem il-kumpanija tagħhom u għal ħadd aktar."*

Bl-istess mod fil-kawża odjerna u kif diġa ngħad, is-soċjeta' konvenuta dejjem ikkomunikat u aġixxiet mas-soċjeta' attriċi f'isimha direttament u qatt ma ntwera mill-provi li hija kienet qed taġixxi għan-nom ta' jew bħala aġent ta' terzi. Kif jiirriżulta mill-atti, in ottempranza mal-obbligi kuntrattwali assunti mill-partijiet għall-perjodi mix-xitwa 2014 sax-xitwa 2017, is-soċjeta' konvenuta kienet dejjem hi li ħallset lis-soċjeta' attriċi għall-*bookings* tat-turisti irrispettivament

minn min kien it-*tour operator* esteru nvolut u rrispettivament mill-kliem li kien hemm miktub fil-*Confirmation Vouchers* tas-soċjeta' konvenuta. Fil-fatt il-fatturi kienu jinħarġu mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta.

2. **Denise Ellul** għan-nom tas-soċjeta' konvenuta kkonfermat li l-istess soċjeta' konvenuta kienet tagħmel deals ma' Lowcostbeds.com Limited anke qabel l-2014 u xorta kienet is-soċjeta' konvenuta li tħallas lill- attriċi. Il-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta nbidlet biss meta t-Tour Operator esteru Lowcostbeds.com Limited falla[18] -

*"Dr Antoine Naudi : Issa qabel it-2014, qabel, kontu tiddiljaw ma' Low Cost?*

*Ix-Xhud : Yes.*

*Dr Antoine Naudi : Kontu. U f' dak il-perjodu kontu tħallsu? Jigifieri l-ammonti tax-xogħlijiet tal-bookings li kienu jidħlu .*

*Ix-Xhud : Imħallsin lill-lukandi.*

*Dr Antoine Naudi : Imħallsin kienu qabel.*

*Ix-Xhud : Yes.*

*Dr Antoine Naudi : U ma kienx hemm kwistjoni hemmhekk.*

*Ix-Xhud : No.*

[18] Xhieda tat-12 ta' Ġunju 2019 a fol 9 et seq

*Dr Antoine Naudi : Jiġifieri l-kwistjoni inqalgħet għaliex intom malli falliet il-Low Cost ħassejtu illi la darba l-Low Cost ma ħallsitkomx intom ma għandkomx tħallsu allura lil Mallard f' dan il-każ.*

*Ix-Xhud : Yes."*

3. Il-Qorti ma ssib ebda bażi legali li tiġġustifika dan il-kambjament fil-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta, liema pożizzjoni hija kuntrarja għal dak miftiehem fil-kuntratti u ċioe' li l-ħlas lis-soċjeta' attriċi għandu jsir biss minn dik konvenuta. Għalhekk mhijiex ġustifikata s-soċjeta' konvenuta li tfarfar minn fuqha l-obbligu tagħha li tħallas lis-soċjeta' attriċi;

4. Minn dak li rriżulta mill-atti dwar l-operat tan-negozju bejn il-partijiet, hija s-soċjeta' konvenuta li tfittex *tour operators* barranin sabiex permezz tagħhom tattira turisti lejn il-lukanda operata mis-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' attriċi hija kompletament estranea u ma tindaħalx f'dan ir-rigward. Li indubbjament jinteressa lis-soċjeta' attriċi huwa li s-soċjeta' konvenuta jirnexxielha tattira turisti lejn il-lukanda tagħha; ma' liema *tour operator* esteru tagħmel arranġamenti is-soċjeta' konvenuta sabiex jintlaħaq dan il-għan huwa mmaterjali għas-soċjeta' attriċi. **Denise Ellul** għan-nom tas-soċjeta' konvenuta kompliet tixhed hekk[19] -

*"Av: Dal-operaturi barranin min isibhom?*

*Xhud: Mr Tabone u Edrichton.*

[19] Xhieda tal-5 ta' Frar 2021

*Av: U anka low costs beds, kienu l-Edrichton li sabuhom ?*

*Xhud: Edrichton kienu l-operators.*

*Av: Intom bħala Edrichton kontu tagħmlu l-arranġamenti tagħkom mal-operaturi barranin …*

*Xhud: ifhem il-kuntratt li tagħtina lukanda inpoġġuhom għall-bejgħ mal-low costs beds u operaturi oħrajn jiġifieri ma hemmx ftehim la, nitħallsu mingħand low cost beds, lanqas commission għax mill-lukanda noħorġuha bħala commission, ma hemmx kuntratt mal-operatur.*

*Av: Issejħulhom l-arranġamenti, imma intom kontu tkunu li tagħmlu dal-arranġamenti ?*
*Xhud: Ma ngħidlux arranġement għax għalija arranġement qisu kuntratt, mil- Edrichton ghal low cost beds ma hemmx kuntratt.*

*Av: Titkellmu magħhom u taslu ?*

*Xhud: Aħna nagħtuhom rati li tawna Mallard f 'dal-każ, u low cost beds mis-site tagħhom ibiegħu lit-turisti, it-turist togħġbu, Mallard jibbukja, low costs jibagħtilna booking u anka ngħadduh lil lukanda.*

*Av; U bħala stat ta' fatt Mallard kien jidħol f' did-diskussjoni ?*

*Xhud: No dan bħal kull site oħra li jbiegħu l-booking."*

B'hekk huwa ċar kristallin li l-arranġamenti li tagħmel is-soċjeta' konvenuta mat-tour operators esteri huma **kompletament** *res inter alios acta* għas-soċjeta' attriċi.

5. Issa jekk sfortunatament wieħed mill-operaturi barranin li miegħu kienet tilħaq dawn l-arranġamenti s-soċjeta' konvenuta spiċċa biex falla u ma ħallasx dak dovut, dik hija problema nterna bejn l-istess soċjeta' konvenuta u l-operatur esteru konċernat, f'dan il-każ Lowcostbeds.com Limited. Naturalment is-soċjeta' konvenuta għandha kull dritt li teżerċita d-drittijiet kollha tagħha kontra l-operatur esteru sabiex tirkupra dak il-ħlas. Imma s-soċjeta' attriċi ma tiffigurax f'dak ix-xenarju. La s-soċjeta' attriċi tat is-servizz mitlub u offriet l-akkomodazzjoni lit-turisti li ressqitilha s-soċjeta' konvenuta, allura s-soċjeta' attriċi għandha kull dritt li titħallas dak dovut lilha mingħand is-soċjeta' konvenuta.

6. Ma jirriżulta ebda ftehim kuntrattwali bejn is-soċjeta' attriċi u Lowcostbeds.com Limited. Allura ma hemm ebda bażi legali għall-pretensjoni tas-soċjeta' konventuta li għandha tkun is-soċjeta' attriċi li tfittex lil Lowcostbeds.com Limited għall-ħlas jew li addirittura tirrununzja għall-ħlas tal-akkomodazzjoni minnha provduta sempliċiment għax Lowcostbeds.com Limited ma kinitx f'qagħda finanzjarja li tħallas . Kif ikkonferma b'mod mhux kontradett in kontro-eżami **Carmel Pullicino** għan-nom tas-soċjeta' attriċi –

*"Louis Tabone għan-nom ta' Edrichton kien dejjem iserrħilna rasna li niddiljaw miegħu u mhux ma' xi tour operator barra minn Malta, aħna dejjem ma' Tabone tkellimna*[20].

[20] Fol 205

**Carmel Pullicino** kkonferma wkoll li wara li Lowcostbeds.com Limited falliet huwa ma kellu ebda taħdidiet magħha dwar il-ħlas[21] -

*"Av: Inti iltqajt mar-rapprezentanti ta' Lowcost beds ?*

*Xhud : Iltqajna darba ġabhom Louis Tabone jien , u żewġ diretturi li huma is-sidien tal-lukanda u dan kien għamlilna offerta biex jikri lukanda kollha.*

*Av: Tlabtu ħlas?*

*Xhud: Le le żgur li le, dan ma kiex falla u ma kienetx x' taqsam xejn.*

*Av: Le wara li falla ?*
*Xhud: No no lil Louis jien nkellem. Jien ma kontx involut f' negozjati ma' low cost beds ma kellix għalfejn."*

7. Lill-Qorti jirriżultalha wkoll li din mhix l-ewwel darba li s-soċjeta' konvenuta ħadet l-istess linja ta' difiża kif meħuda fil-kawża odjerna anke fi proċeduri oħrajn li saru kontriha fuq mertu simili. Il-Qorti tabbraċċja u tagħmel bħala tagħha wkoll l-insenjament tal-Qorti fil-każ **Dolmen Complex Limited (C-6472) vs Edrichton Holidays Limited (C-3111) deċiż fl-14 ta' Jannar 2020** li jitratta talba għall-ħlas da parti tal-operaturi tal-lukanda b'rabta ma' prenotazzjonijiet li s-soċjeta' konvenuta ukoll għamlet għall-klijenti tas-soċjeta' estera Lowcostbeds.com Limited. Hemmhekk ukoll, is-soċjeta' konvenuta ressqet id-difiża li s-somma mitluba mis-soċjeta' attriċi mhijiex dovuta stante li l-ħlas huwa dovut mis-

[21] Fol 207 et seq

soċjetà estera LowcostBeds.com Limited u/jew mingħand dawk il-persuni li lilhom ingħata s-servizz.

Il-Qorti qalet hekk f'dak il-każ –

*"Il-konvenuta tinsisti li l-attriċi għandha relazzjoni ġuridika mas-soċjetà estera LowcostBeds.com Limited stante li fil-booking vouchers li hija kienet tibgħat ma kull prenotazzjoni dejjem kien ikun hemm disclaimer fis-sens li l-ħlas huwa dovut mingħand l-operatur tal-ivjaġġar barrani.*

*Kif diġà ntqal, mill-provi rriżulta li l-ħlas għas-servizzi prestati mill-attriċi lit-turisti li kienet tibgħat il-konvenuta dejjem sar mill-istess konvenuta anke fejn il-kont kien jappartjeni lil xi turist li jkun għamel prenotazzjoni ma LowcostBeds.com Limited. Meta kien hemm nuqqas ta' qbil dwar xi rati, il-konvenuta kienet titlob kjarifika direttament mingħand l-attriċi u fl-ebda stadju l-konvenuta ma qatt bagħtet tinforma lill-attriċi li l-ħlas mhuwiex dovut mingħandha sakemm falliet LowcostBeds.com Limited u l-konvenuta ma setgħetx tirkupra l-flus mingħandha. Infatti, Denise Ellul, impjegata tal-konvenuta, spjegat li l-konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas għas-servizzi prestati lill-klijenti ta' LowcostBeds.com Limited proprju għaliex il-flus qatt ma waslu mingħand l-imsemmija soċjetà estera peress li laħqet falliet.*

*Baqgħet mhux magħrufa ix-xorta ta' relazzjoni bejn il-konvenuta u LowcostBeds.com Limited. Madanakollu, mill-provi fl-atti l-Qorti hija sodisfatta li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u s-soċjetà estera LowcostBeds.com Limited u kwalunkwe ftehim li kien hemm bejn il-konvenuta u l-imsemmija soċjetà estera huwa res inter alios acta għall-attriċi.*

*Louis Tabone għall-konvenuta jinsisti li r-rwol tas-soċjetà li huwa jirrappreżenta kien ta' kummerċjant kummissjonant (commission agent) iżda din l-allegata relazzjoni bejn il-partijiet minn imkien ma tirriżulta. Huwa indubitat li l-konvenuta kienet tagħmel qliegħ mill-kmamar li tbiegħ lit-turisti imma b'daqshekk ma jfissirx illi hija kienet qiegħda taġixxi ta' kummerċjant kummissjonant tal-attriċi.*

*Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija regolata mill-iskritturi msejħa 'Allocation Agreements' li ġew preżentati fl-atti. Il-konvenuta ma tistax taħrab milli obbligi tagħha bl-iskuża li fuq id-dokument li kienet tibgħat lill-attriċi bħala prenotazzjoni kien ikun hemm miktub li hija mhux responsabbli għall-ħlas, għaliex jibqa' l-prinċipju kardinali skont l-artikolu 992 tal-Kap. 16 li l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom, pacta sunt servanda. Imbagħad, skont l-artikolu ta' wara, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*

*Bil-fatt illi l-attriċi qatt ma oġġezzjonat dwar x'kien ikun hemm miktub fuq il-confirmation vouchers ma jfissirx illi hija kienet qiegħda taċċetta xi tibdil fil-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet jew b'xi mod tirrinunzja għad-drittijiet tagħha. Id-disclaimer in kwistjoni ma huwa xejn ħlief dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenuta. Il-Qorti tirreferi ghall-osservazzjoni li għamlet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża* ***Eden Hospitality Limited vs S.I.T. Special Interest Travel Limited et****, tal-15 ta' Lulju 2014, fejn iċ-ċirkostanzi kienu pjuttost simili:*

*"Jirrizulta li d-dokument kien jintbagħat fl-uffiċċju tar-reservations li kienu jikkonfermaw il-booking permezz ta' email (ara fol. 181). Ma rriżultax li d-*

*dokument kien jiġi ffirmat. Inoltre ma rriżultax li l-uffiċjali f'dan id-dipartiment kellhom l-awtorità li jorbtu lill-kumpannija attriċi jew li jibdlu l-kontenut ta' kuntratt. Il-fatt li ma sar l-ebda kumment min-naħa tal-impjegati ta' dan l-uffiċċju għad-dikjarazzjoni unilaterali ta' SIT ma jfissirx li b'daqshekk l-attriċi tilfet jew irrinunzjat għal jeddijiet tagħha taħt il-kuntratt. Ir-riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza* **Peter Vella de Fremaux et vs Eagle Star (Malta) Limited** *(9 ta' Novembru 2012) m'hijiex flokha għaliex dak il-każ kien jitratta offerta ta' ħlas għas-saldu li kienet ġiet aċċettata mill-kreditur meta rċieva l-ħlas. Min-naħa l-oħra fil-każ in eżami l-prenotazzjonijiet li kienet qiegħda tagħmel SIT kienu regolati minn kuntratt li ma kellha l-ebda jedd li tvarja unilateralment. Id-disclaimer li SIT inkludiet fl-aħħar tar-reservation voucher ma setax ibiddel dak li kien miftiehem b'kuntratt. Dan apparti li rriżulta wkoll kif l-attriċi kienet toħroġ il-kontijiet f'isem SIT (Dok. AG3AG6 afol. 53-56) u ma rriżultax li qatt irritornat lura dawn il-kontijiet jew li oġġezzjonat għal fatt li kienu qegħdin jinħarġu f'isimha."*

*Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti permezz ta' sentenza datata 27 ta' Settembru 2019 fejn iddikjarat illi:*

*"Din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Qorti li f'kuntratti sinallagmatiċi mhuwiex mogħti lil xi waħda mil-partijiet li tibdel jew tħassar xi patt jew kundizzjoni jekk mhux bil-qbil mal-partijiet l-oħrajn. Ma hemmx dubju li d-'disclaimer' mhuwiex kompatibbli mal-klawsola tal-ftehim li titkellem fuq ir-rabta in solidum dwar il-ħlasijiet. Fit-tielet lok, l-argument ta' SIT li l-appellata kellha dejjem l-għażla u l-jedd li tirrifjuta li taċċetta l-kundizzjoni jfisser li, biex tagħmel hekk u ma tirrinunzjax għall-patti dwar is-solidarjetà, il-ftehim ma jibqax aktar eżegwibbli għaliex in-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-'voucher' kien ikun ifisser li l-għoti tas-servizzi li l-ftehim kien jikkontempla kien jinġab fix-xejn. Tifsira bħal din ta' dik il-kundizzjoni tmur kontra waħda mir-regoli tal-liġi dwar it-tifsir tal-kuntratti."*

*Ladarba s-soċjetà attriċi kellha rapport dirett ma' dik konvenuta, din tal-aħħar ma tistax taħrab mir-responsabbiltajiet tagħha b'dan il-mod. Fuq kollox, il-konvenuta iffirmat il-kuntratt u dejjem qablet ma u segwiet il-kundizzjonijiet hemm maqbula tant illi mhux kontestat illi qabel falliet LowcostBeds.com Limited, il-konvenuta dejjem ħallset il-kontijiet anke fejn kienu jappartjenu għall-prenotazzjonijiet magħmula mal-imsemmija soċjetà estera. Skont il-kuntratti ffirmati bejn il-partijiet, huwa ċar illi l-ħlas għall-alloġġ u servizzi oħra mogħtija huwa dovut mingħand il-konvenuta u l-attriċi għandha kull dritt tesiġi l-ħlas mingħandha.*

*Huwa rilevanti wkoll l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet* ***Cornucopia Hotel Limited vs Fisher Reisen Limited*** *tas-17 ta' Ottobru 2007:*

*Fil-fatt, il-ħlasijiet u l-konteġġi kienu dejjem isiru direttament mas-soċjetà lokali, u qatt ma kienet tiġi nvoluta s-soċjetà estera. L-invoices kienu jintbagħtu lis-soċjetà konvenuta u għalkemm din ġieli kienet tirreklama jew tikkontesta l-ammont indikat fuq xi invoice, qatt ma osservat li dawn ma kellhomx jintbagħtu lilha iżda lis-soċjetà estera. Il-bookings kienu jsiru mis-soċjetà konvenuta, u l-ħlasijiet kienu dejjem isiru minnha. Dawn huma kollha ċirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi li r-responsabbilità għall-operazzjoni kien ġie assunt mis-soċjetà lokali kif, f'sitwazzjoni simili, din il-Qorti kienet ikkonkludiet fil-konfront ta' aġenzija oħra lokali fil-kawża* ***"Vivaldi Hotels Operations Limited vs. Introned Limited"****, deċiża fid-9 ta' Marzu, 2007."*

Magħmula dawn l-osservazzjonijiet kollha suesposti l-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi anke fir-

rigward tal-bookings li kienu saru minnha b'riżultat t'arranġamenti li kienet għamlet mat-tour operator esteru Lowcostbeds.com.Ltd.

Jifdal għalhekk jiġi trattat u deċiż il-punt dwar il-quantum li hu dovut lis-soċjeta' attriċi.

Filwaqt li s-soċjeta' attriċi qegħda titlob il-ħlas ta' €193,219.16 hemm kontestazzjoni da parti tas-soċjeta' konvenuta fit-**tieni eċċezzjoni** tagħha fejn tirrileva li hija mhijiex qed taqbel mar-rendikonti tas-servizzi użati minnha kif dikjarati mis-soċjeta' attriċi.

Dwar il-pożizzjoni tas-soċjeta' konvenuta xehdet **Denise Ellul** in rappreżentanza tal-istess soċjeta' waqt is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2019. Hija esibiet ukoll diversi dokumenti fosthom tabella li turi kif is-soċjeta' konvenuta kklassifikat is-somma mitluba mis-soċjeta' attriċi  u ċioe' –

> "Payable as per Hotel
>
> Already paid - €174.19
> Ok to pay - €1308.37
> Rejected - €333.49
> Amount to pay upon receipt of credit note - €373.40
> Lowcostbeds – €191,029.71
>
> TOTAL – €193,219.16
>
> Payable as per EHL
>
> Ok to pay - €1308.37
> Amount to pay upon receipt of credit note - €373.40
>
> PAYABLE TO HOTEL as at 31/10/16 - €1681.77"

1. **Dwar l-ammont ta' €174.19 indikat mis-soċjeta' konvenuta bħala 'Already paid'**, is-soċjeta' attriċi targumenta li dan il-ħlas ma ġiex pruvat.

Hija targumenta li meta jiġi analizzat ir-*remittance* preżentat mis-soċjeta' konvenuta u li fih suppost jidher dan l-ammont diġa' mħallas (Dok DE 4) effettivament ma hemm ebda indikazzjoni li dan sar. Dan stante li f'dan id-dokument la hemm referenza għas-somma ta' €174.19, la għall-invoice reference number tas-soċjeta' attriċi (2014018164 skont il-prospett anness mar-rikors ġuramentat) u lanqas in-numru ta' referenza tas-soċjeta' konvenuta (3705805 skont il-prospett anness mar-rikors ġuramentat). Għalhekk is-soċjeta' attriċi targumenta li ma nġibitx il-prova li tali ħlas kien fil-fatt sar.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta filwaqt li rrikonoxxiet li n-numru tal-fattura li jidher fuq il-fattura mhuwhiex korrett, il-booking reference u l-ammont jaqbel ma' dawk fuq l-istatement tal-lukanda. Żiedet tgħid li probabilment minħabba l-iżball tan-numru tal-fattura, l-istess ammont ittieħed bħala żejjed u ma ġie allokat għal ebda prenotazzjoni. In-numru ta'referenza huwa vinkolanti u għalhekk tinsisti li s-soċjeta' attriċi għandha taċċetta li l-booking tħallas.

Il-Qorti tqis li fid-dawl ta' din il-kontestazzjoni bejn il-partijiet, kien jinkombi fuq is-soċjeta' konvenuta li ġġib provi aktar konkreti u konvinċenti dwar dan l-allegat ħlas u mhux tassumi li "probabilment" is-soċjeta' attriċi ħaditu bħala ħlas żejjed in vista tal-allegat żball fin-numru tal-fattura. Ma jirriżultawx mill-atti privi dokumentarji li jikkonvinċu lill-Qorti li dan il-ħlas effettivament sar u għalhekk l-argument tas-soċjeta' konvenuta ma jistax jintlaqa'.

**Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi fir-rigward ta' din is-somma.**

2. **Dwar is-somma ta' €1308.37 indikata mis-soċjeta' konvenuta bħala 'Ok to pay'** ġjaladarba hemm l-ammissjoni tagħha stess **il-Qorti sejra tipproċedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi fir-rigward ta' din is-somma.**

3. **Dwar is-somma ta' €333.49 indikata mis-soċjeta' konvenuta bħala 'Rejected' u s-somma ta' €373.40 indikata bħala 'Amount to pay upon**

**receipt of credit note'** il-Qorti tqis li mill-provi mressqa s-soċjeta' konvenuta ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-liġi l-allegazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dawn l-ammonti u għalhekk **il-Qorti sejra tilqa' t-talba attriċi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ somom.**

4. **Dwar l-ammont ta' €191,029.71 indikat bħala "Lowcostbeds"** il-Qorti tqis li in vista tal-konklużjonijiet tagħha fis-suespost is-soċjeta' konvenuta għandha tħallas lis-soċjeta' attriċi għal dawn il-bookings. Ma nġiebet ebda prova li tikkontradixxi l-quantum mitlub mis-soċjeta' attriċi u għalhekk il-Qorti sejra **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi fir-rigward ta' din is-somma.**

Minn dan isegwi li t-talbiet tas-soċjeta' attriċi ġew pruvati filwaqt li t-tieni eċċezzjoni kif ukoll l-eċċezzjonijiet rimanenti tas-soċjeta' konvenuta sejrin jiġu respinti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti;**

2. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**